Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 63/2019

Il-Pulizija
(Spettur Carol Fabri)

Vs

Charlo Borg

Illum 17 ta' Gunju, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Charlo Borg detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 555977M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar it-tletin (30) ta' Lulju 2013 fis-sebgha ta' filghaxija (19:00), gewwa Triq tal-Barrani, Zejtun:

1. Saq van, bin-numru tar-registrazzjoni numru BBO 934 tat-tip Isuzu NKR, b'manjiera perikoluza u traskurata;
2. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, habat ma' mutur numru XLV 650 tat-tip Honda XL650 u

involontarjament ikkagunalu hsarat ghad-dannu ta' John Chilton, numru tal-karta tal-identità 530965M;

3. U aktar talli saq l-imsemmija vettura kontra l-linja bajda kontinwa b'wahda mhux kontinwa (linja bajda kontinwa [linja fin-nofs]) indikat f'dik il-lokalità;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanza, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offiza gravi li ggib il-konsegwenzi msemmija fl-Artiklu 218 u dan skond 1-Artiklu 226 (1) (a) fuq il-persuna ta' John Chilton ta' 22 sena, numru tal-karta tal-identità 530965M;

U aktar talli b'hekk renda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49 u 50 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 328 (b), 225 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll l-Artikoli 15 (1) (a), 15 (2), 15 (3), 32 u 55 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 2 ta' Legislazzjoni Sussidjarja 65.05, sabet lill-imputat Charlo Borg hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal multa ta' erbat elef ewro (€4,000). Il-Qorti ordnat ukoll l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet (3) xhur dekorribbli minn nofsillejl tal-ghada.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Charlo Borg, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Frar 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Frar 2019 fl-ismijiet premessi u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni jew htija ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Charlo Borg huwa s-segwenti u cioè:-

Illi fl-umli fehma tal-esponenti, l-ewwel Onor. Qorti ghamlet apprezzament zbaljat kemm tal-fatti kuf ukoll tal-ligi meta sabitu hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuza kif ser jigi spjegat hawn taht.

Illi preliminarjament, fir-rigward tal-ewwel u t-tieni akkuza, l-ewwel Qorti ccitat diversi kazistika [vide fol 11 – 13 tas-sentenza appellata fl-ismijiet premessi] li fl-umli fehma tal-appellant, mhumiex relevanti ghall-fattispeci tal-kaz de quo u dana stante illi tali kazistika titratta sitwazzjonijiet ta' dritt ta' precedenza tal-*main road user* fuq dak tas-*side road user* mentri l-kaz in dizamina si tratta incident awtomobolistiku li sehh bejn zewg vetturi li kienu qed isuqu fl-istess direzzjoni u mhux kaz ta' vettura li kienet hierga minn triq sekondarja ghal go triq principali.

Illi inoltre, fejn il-Qorti ccitat l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista deciz** fis-26 ta' Mejju, 2004, sabiex taccenna ghall-principju ta' *proper lookout*, l-istess Onor. Qorti rrilevat illi l-appellant ma kellux tali *"proper lookout li huwa rikjest li ghandu jkollu altrimenti kien jinduna li kien gej il-vittma John Chilton ezatt warajh"*. Bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, dan l-apprezzament huwa wiehed skorrett u ingust u

dana stante illi l-appellant ma seta' qatt jobsor illi l-mutur li kien gej minn warajh kien se jibqa' diehel fih ghal zewg ragunijiet u cioe' minhabba l-fatt illi i) l-istess appellant **kien ilu wieqaf u b'hekk ma setax hasad lil Chilton daqs li kieku dar f'daqqa**; u ii) tenut kont tal-fatt illi **il-vettura li kien hemm wara l-appellant (li hija indubjament akbar mill-mutur ta' Chilton) irnexxilha taqla' lill-istess appellant facilment min-naha tal-lemin, minghajr ma sehh l-ebda impatt.** [enfasi tal-esponenti]

Filfatt, il-kwotazzjoni li l-ewwel Qorti ghazel mill-kaz sopracitat jitfa' aktar responsabbilta' u htija fuq il-kwerelant John Chilton ta' tali incident milli fuq l-appellant meta wiehed iqis illi l-istess Qorti enfasizzat illi *"hu dover ta' driver* ***to see what is in plain view*** *(omissis) u li* ***min ma jarax dak li regonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout"***. [enfasi tal-esponenti] Dan l-argument qed jigi rilevat stante illi kien proprju n-nuqqas ta' proper lookout ta' Chilton li kkawza l-incident de quo minhabba l-fatt illi huwa ma rax dak li ragonevolment kellu jara (i.e. *failed to see what is in plain view*).

F'dan ir-rigward, ghalkemm Chilton xehed illi hu ma setax jiskapula l-vann tal-appellant fl-istess seduta, kien hu stess li stqarr illi quddiemu kien hemm karozza ohra li facilment overtejkjat lill-appellant meta din rat lill-appellant wieqaf u ghaldaqstant kif spjegat hawn fuq, il-logika tiddetta illi la vettura li hija ikbar minn mutur setghet facilment tghaddi minn ma' genb il-vann tal-imputat, daqstant iehor seta' Chilton scapula l-vann li kieku kellu *"awareness of what [was] happening in [his] immediate vicinity"*, *multo magis* kieku Chilton segwa r-regola 159 tal-Highway Code u cioe' l-obbligu tas-sewwieq li jzonn distanza ta' zewg sekondi bejn il-vettura tieghu u dik ta' quddiemu f'toroq traffikuzi. Ghaldaqstant, ghalkemm l-attent tal-appellant u cioe' li jaqsam fuq linja kontinwa kienet wahda kontraventiva, tali manuvra ma setghet qatt kienet il-kawza prossima tal-akkadut.

Illi in sostenn tas-suespost, ghalkemm l-ewwel Qorti rribadiet illi "*kull sewwieq* [ghandu] *iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor*", il-fatt illi Chilton ma ezercitax id-diligenza, prudenza u l-attenzjoni fis-sewqan tieghu sabiex jew jieqaf jew inkella jovertejkja l-vann tal-appellanti b'mod sigur, zgur ma jistax jigi injorat u dana stante illi kien hu li kien gej minn wara l-appellant, allura kien jinkombi fuqu diligenza massima biex jara x'qed jigri quddiemu, tenut kont illi hija haga normalissima (ghalkemm ma kienx il-kaz) li fit-triq ikun hemm karozzi weqfin (i.e mahbuta, broken down, ecc).

Illi fil-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-element ta' kontributorjeta' da parti ta' Chilton l-Onor. Qorti sostniet illi ma rrizultax li l-istess Chilton "*kien qed isuq b'xi velocita' eccessiva jew li ma kellux il-kontroll shih tal-mutur tieghu*". Nonostante din il-konkluzjoni, il-Qorti ma tat l-ebda ragunament validu u / jew gustifikazzjoni dwar dan. Fil-verita', li kieku Chilton vera kien qed isuq b'velocita' adekwata u li kieku hu kellu kontroll fuq il-mutur tieghu, kieku l-kwerelant kien facilment jirnexxielu jevita l-vann tal-appellant kif ghamlet il-vettura ta' qablu. Inoltre, galadarba kemm l-appellant kif ukoll il-kwerelant stqarrew illi tal-ewwel kien diga' wieqaf qabel ma sehh l-incident, l-apprezzament tal-Qorti li l-istess appellant waqaf hesrem fuq il-continous white line ma kinitx wahda korretta. Kieku vera gara hekk, probabbilment kienet tkun il-vettura ta' quddiem il-mutur li kienet tahbat mal-appellant u mhux Chilton.

Illi rigward ir-raba' akkuza li tirrigward l-offiza gravi li ggib il-konsegwenzi msemmija fl-Artikoli 218 u dan skont l-Artikolu 226(1)(a) fuq il-persuna ta' John Chilton, ta' min jinnota illi l-konsegwenzi msemmija that l-Artikolu 218 huma jekk l-offiza gravi: "*(a) tikkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett*

*permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh; (b) jekk iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonaq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz; (c) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iggibilha l-abort."*

Illi kif gie rilevat mill-konsulent tieghu fir-rapport mediku, il-kwerelant ma sofriex feriti gravi u / jew permanenti kawza tal-incident: *"He did not lose consciousness. He sustained a right thumb injury and had multiple abrasions on his right forearm, elbow and shoulder and right leg and calf… Mr John Chilton suffered a Rolando fracture of the right thumb, contusions to the right knee and leg, associated with a right calf laceration and multiple abrasions to the left elbow and right shoulder."*

Illi l-imsemmija feriti li l-kwerelant garrab u cioe' ksur ta' subghajh, grif fuq drieghu u l-minkeb, spalltu, riglejh u l-pexxun flimkien ma' xi tbengil fl-irkoppa u riglejh ma jammontawx ghall-konsegwenzi msemmija taht l-Artikolu 218 hawn sopra citat. Ghaldaqstant, l-Artikolu 226(1)(a) ma japplikax ghax il-feriti li l-istess kwerelant sofra la huma gravi u wisq anqas igibu l-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218. Barra minn hekk kif stqarr Chilton stess lill-konsulent tieghu Mr Thomas Azzopardi, il-kwerelant "*had no limitation with his activities of daily living*" li jfisser ghalhekk li kwalsiasi feriti li seta' garrab, fiequlu malajr u ma mpedewhx milli jkompli hajtu b'mod normali qabel l-incident. Ghaldaqstant, fl-umli fehma tal-esponenti, l-appellant lanqas ma kellu jinstab hati tar-raba' akkuza.

Illi finalment, il-kastig moghti lill-esponenti ghall-fatt illi l-appellant ma harisx ir-Regolament numru 2 mahsub f'Taqsima IV tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.05 huwa wiehed inekwu tenut kont tal-eccessivita' tal-multa. Inoltre, l-appellant jiggestixxi l-introjtu sabiex jghajjex lill-familja tieghu permess tal-vann (peress li xoghlu jittrasporta

l-bhejjem u l-halib) u ghaldaqstant is-sospensjoni tal-licenzja ghal zmien tliet xhur se taffettwa mhux biss lill-istess appellant izda anke lil martu u 'l uliedu.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2019 (fol. 183).

Ikkunsidrat,

Illi nhar it-13 ta Jannar 2014 xehed **PS 827 Edward Grech** u stqarr li fit-30 ta Lulju, 2013 kien gie infurmat waqt li kien l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun li kien sehh incident tat-traffiku fi Triq tal-Barrani, Zejtun ghall-habta tas-7.10pm. Huwa mar fuq il-post flimkien ma l-ispettur tal-pulizija fejn sabu li kien hemm van u mutur li kienu ghadhom kemm habtu. Il-van li kellu numru ta' registrazzjoni BBO 934 tal-ghamla Isuzu kien qed jinstaq minn l-appellant. Dan kien waqaf biex jghamel manuvra ghan–naha tal-lemin sabiex jidhol go ghalqa filwqt li l-mutur bir-registration number XLV 650 misjuq minn John Chilton baqa' diehel fuq in-naha ta' quddiem tal-van fuq in-naha tal-lemin bil-konsegwena li tilef il-kontrol u gie fuq il-karregjata l-ohra tat-triq. Fuq il-post isejhet l-ambulanza li hadet li Chilton l isptar. Jghid li huwa kellem lil dan Chilton u dan qallu li kien qed isuq wara l-van u quddiemu kien hemm karozza ohra li tigi bejneithom, l-karozza l-ohra ta' qablu ghamlet manuvra biex tissorpassa u l-van u huwa ittenta jghamel l-istess izda sab il-van ma wiccu. Prova jiskapulah imaam kien ghalxejn ghax laqtu xorta. Huwa pprezenta l-okkorenza li giet markata bhala dok EG1 u *sketch* li gie markat bhaala dok SG2.

Qal li fit-triq kien hemm central strip u sinjali li ma setghax isir manuvra ghan naha tal-lemin. Fisser ukoll li Charlo Borg kien kiser lejn il-lemin min fuq ic-central strip.

**John Chilton** xehed nhar it-13 ta' Jannar, 2014 u spjega kif nhar it-30 ta' Lulju 2013 ghall-abta tas-7.00om/7.15pm kien waqaf wara l0lights bil-mutur tieghu tal-ghamla Honda XL650. Qala u kienhemm il-karozzi quddiemu, baqa' tielgha warajohm, il-vettura ta quddieu ghamlet manuvra u marret ghan naha l-ohra u sab il-van tal-

appellant u spicca fu qin-naha l-ohra tat-triq. Mistoqsi jekk sofreix xi friti jghid li ghamlulu pinnijiet go subajgh ta' l-id l-leminija kif ukll xi fracture f'sieq\u.

Mistoqsi jekk il-vettura kientix qed taghmel manuvra partikolari jghid Ii fil-fehma tieghu kienet qed taghmel U turn. X'hin waqa' jghid li sab ruhu mal-hajt. Dan ll-incident sehh fi Triq tal-Barrani faccata hemm il-hwienet tal- Lidl u ftit il-fuq hem mil-pompa tal-petrol.

Qal il-karregjat li kien fuqha tibda bi tnejn u wara din tidjieq u tigi b'wahda u hemmhekk hemm is-sign li ma titaax taghmel U turn. Muri l-isketch markat bhala dok EG2 ighid li jaqbel mieghu. Qal li dak il-hin giet il-partner tieghu ghaliex kient warajh bil-mutur u qalet lill-appellant li hemmhekk ma setax ighamel U turn u dan dar fuqha u qallha "Jien dejjem hekk naghmel ghax ghandi ghalqa hawnhekk". Jghid li l0appellant qallu li kien ser jghamel over taking u ix-xhud ighid li una vota tara xi haga quddiemek l-istint tieghek itik biex tagheml tali manuvra. Ipprova jiskapulah izda laqtu mal-bieba u dan min naha tac-central strip. Ghalhekk ighid li f'dak il-punt ma kienx hemm central strip ghaliex kieku l-appellant kien jitla' fuqha. Mistoqsi jekk ghamilx xi manuvri li kien ser idur ighid li hu ma ra xejn. Mistqosi jekk l-appellant ghamilx l-indicator ix-xhud iwegeb li *'just sab l-van imam jekk ma tistax iddur 'l hemm ma tistax taghmel indicator."*

Ix-xhud jikkonferma li l-appellant ghadda minn fuq is-sinjal ac central strip li hemm ma l-art u dan ifisser li kieku kien hemm central strip kien jirkeb lilha. In kontro esam ijispejga li quddiemu kien hemm karozza li qabzet lill-appellant u hu ghamel l-istesss u sab il-vettura tal-appellant ma wiccu u habt fuq il-lemin tieghu. Qal li pprova jiskapula lill-appellant pero ma irnexxilux ghaliex kien hemm il-karozzi. Mistoqsi jekk il-van rahx jimxi jghid li dak il-hin kien wieqaf kien qed jistenna possibilment li l-karozzi li kienu gejjin min naha ta' fuq jigifieri minn B'Bugia jghaddu.

Ix-xhud Chilton rega xehed nhar is-7 ta' Mejju, 2015 (fol. 101) u spjega li is-socjeta assikuratrici iddikjarat il-mutur bhala *total loss*. Qal li huwa ircieva is-somma ta' erbat elef u tlett mitt euro (€4,300) minghand is-socjeta Elmo u huwa ghadda il-mutur lil din

l-istess socjeta. Huwa esebixxa kopja tar-remittance advice li giet markata bhala dok JC1.

**Stephen Cachia** in rappresentanza ta' Transport Malta xehed u kkonferma li minn reicerka li ghamel il-vettura BB) 934 hija tal-ghamla Isuzu ta' kulur blu registrata fuq Charlo Borg u ilha hekk registrata fuqu sa mill-1 ta' Marzu, 2013. Dwar il-mutur tal-ghamla Honda 650 XLV ta' kulur iswed u fil-jum tal-incident kien rgistrat fuq l-appellant skond id-dokumentazzjoni li pprezenta u li giet markata bhala dokSC1.

**Spettur Carol Fabri s**pjegat illi fit-30 ta Lulju 2013 kient stazzjonata l-ghassa tal-pulizija ta B'Bugia u giet infurmata li kien hemm incident tat-traffiku fi Triq tal-Barrani fejn is-sewwieq tal-mutur kien korra gravi u ittihed minn fuq il-post permezz ta' ambulanza. Spjegat li l-appellant kien qasam minn fuq karrggjata ghall-ohra meta ma kienx suppost jaqsam minn din l-istess karreggjata u l-mutur li kien gej mill-istess karregjata warajh dahal go fih. Hija prezentat ritratti tal-lok fejn sehh l-incident, kif instab il-van kif ukoll tal-mutur li mad-daqqa spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq. B'kollox esebiet dsatax-ir-ritratt li gew markati bhala dok CF3. Ir-ritratti gew mehuda minnha waqt li kienet fuq il-post. Qalet li meta tkemet mal-appellant wara li tatu id-dritt tieghu li jtkellem ma avukat dan stqarr maghha li hu ighaddi minn dejjem hemm biex jidhol fit-trejqa minkejja li hemm sinjal li ma tistax taqsam minn hemm. Hija pprezentat zewg sentenzi li inghataw fi-konfront ta' Charlo Borg li gew markati bhala dok CF1 I CF2.

**Thomas Azzopardi**, konsulent kirurgu xehed nhar it-2 ta' Ottubru, 2015 u kkonferm air-rapport preliminary esebit fl-atti a fol. 15 datat 4 ta' Settembru, 2013 u kkonferma li Chilton kellu ksur fis-sebgha l-kbir ta' idu l-lemminija u ghal dan kellu kura operattiva, kellu ukoll tbengila fis-sieq tal-lemin mill-irkoppa sa l-ghaksa u kellu bzonn xi punti, kellu qamu zghira fejn kellu bzonn xi punti fil-pexxun tal-lemin u baqa' b'xi tnemnim fil-parti tas-sieq u kellu xi grif fil-minkeb tax-xellug u spalla tal-lemin. Qal li huwa kien ezamina lil Chilton bhala pazjent l-isptr u wara rah ukoll privat ghaleix baqa' isegwih.

Huwa kklasifika il-feriti li kellu Chilton bhala *grevious* peress li kien hemm ksur u li ghandu dizabilita permanenti ta' 7%. Huwa pprezenta kopja ta' dan ir-rapport li gie markat bhala dok TA1. Mistoqsi jekk it-tnemnim li kellu Chilton setghax kien gja hemm qabel l-incident , ix-xhud ighid li seta pero ma weriex sintomai ta' din l-allegazzjoni.

**Dr Michael Spiteri** xehed fl-istess seduta tat-2 ta' Ottubru, 2015 u kkonferma li ic-certifikat mediku esebit fl-atti a fol. 14 datat l-1 ta' Awwissu, 2013 hargu hug hall-habta tat-8.00pm wara li kien ezamina lill-istes Chilton u sab l-feriti kif deskritti fic-certifikat.. Huwa kklasifika il-feriti bhala ta' natura gravi minhabba il-ksur li kien hemm.

Ra li l-appellant **Charlo Borg** kien offra d-deposizjoni tieghu nhar l-24 ta' April, 2017 u dan spjega li kien gej mid-direzzjoni ta Zejtun tiela' lejn Bir id-Deheb, waqaf hdejn il-Lidl bil-hands mixghul. Jghid li kien qiegehd ezatt fuq il-line. Kien hemm sewwieq li kien qalghu minn barra bil-mutur u mess l—isteering tieghu mal-bieba tal-van u baqa' sejjer faccata.. Qal li laqtu mal-bieba tl-van. Qal li dan sehh ghall-habta ts-6.30p.m u kien id-dawl ghaliex kien ghadu s-sajf. Qal I kien gej minn warajh fl-istess direzzjoni tieghu. Jghid li hu kien l-ewwel u is-sewwieq tal-mutur qalghu waqt li kien qieqaf bil-hands mixghul.

Il-Qorti ezaminat l-isketch redatt minn PS 827 esebit fl-attti a fol. 27 u minn esami ta l-istess jirrizulta is-segwenti:-

1. Illi f'nofs il-karreggjata proprju fejn hemm il-vettura tal-appellant hemm central strip impingija ma l-art u dan ifisser li l-ebda karozzza ma tista' tkun wieqfa fuqa jew ghaddi minn fuqha u tkomplu b'linja bajda 'uninterrupted ghal certu zmien'.
2. Illi l-vettura tal-appellant kienet fuq l-outer lane angolata b'parti minnha in-naha tal-lemin fuq il-karreggjata tad-direzzjoni opposta.
3. Li fuq il-lemin ta l-isketch hemm it-trejqa li kien bi hsiebu jghaddi minnha l-appellant.

Illi dan l-isketch fl-ebda hin ma gie kontestat mill-allegat vittma jew mill-appellant.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant Charlo Borg esebiti fl-atti a fol. 145 u dak tal-Kummissarju tal-Pulizija prezentata fl-atti fid-19 ta' Settembru, 2018 (fol. 149).

Semghet lill-avukati difensuri jittrattaw il-kaz u dan quddiem din l-istess Qorti nhar it-2 ta' Mejju, 2019.

Ikknsidrat,

Illi l-avukat difensur tal-appellant qed isostni li l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati tal-akkuza u dan ghaliex huwa ma kienx qed isuq fil-mument tal-impatt ghaliex kien stazzjonat bil-*hands* mixghul. Minn naha l-ohra l-Avukat Generali ma jikkontestax jekk l-appellant kienx stazzjonat jew le izda jghid li fejn kien stazzjonat ma setghax jkun u dan ghaliex kien hemm sinjal li s-sewwieq ma setghax idur lejn il-lemin tieghu u ghalhekk ikkreja *emergenza subitanea* lil Chilton li spicca ferut ma l-art fuq in-naha l-ohra tat-triq.

Bhala fatt I jirrizultaw is-segwenti:-

1. Ili nhar it-30 ta' Lulju, 2013 ghall-habta tas-7.00p.m gewwa Triq Tal-Barrani, Zejtun kienu ghaddejjin l-appellant bil-vettura tieghu tal-ghamla Isuzu NKR numru ta' registrazzjoni BB0 934 u warajh fl-istess direzzjoni kien hemm Chilton ghaddej bil-mutur tieghu Honda XLV 650.
2. Bejneithom kien hemm vettura ohra li ghamlet manuvra ta' sorpass u ghaddiet il-vettura tal-appellant u saqet ' l hemm 'l quddiem.
3. Jidher li Chilton ghamel l-istess u hareg 'l barra biex suq wara il-vettura ta' quddiemu u spicca laqat il-bieba tal-van tal-appellant.
4. Jidher ukoll li din il-manuvra li ghamel l-appellant li waqaf fuq marki tac-central strip kien ighamilha ta sikwit bie xidur lejn il-lemin fejn ghandu ghalqa.
5. Bhala rizultat spicca imtajjar ma l-art fuq in-naha l-ohra tat-triq ferut tant li spicca gie mehud l-isptar b'ambulanza minn fuq il-post.
6. Bhala rizultat ta dan l-incient Chilton spicca b'feriti ta' natura gravi u permanenti tant li ghandu disabilita ta' 7%.

7. Chilton ukoll kellu l-mutur tieghu dikjarat *total loss* u irceiva is-somma ta' erbat elef u tlett mitt euro (€4,300) bhala *wreck value* tal- mutur minghand is-socjeta assikruatrici Elmo.

Ikkunsidrat.

Illi din il-Qorti ghandha l-ewwel nett taghti tifsira ghal kelma 'saq' uzat f'kull akkuza u dan ghaliex fil-ligi nostrana u appuntu fil-legislazzjoni li tikkoncerna is-sewqan il-kpitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta l-Ordinanza tat-traffiku ma taghti l-ebda tifsira lil verb 'sewqan' minkejja li fil-bidu ta' l-Ordinanza insibu hafna interpretazzjonijiet.. B'referenza ghad-definizzjoni tal-verb 'sewqan' l-Qorti taghmel refernza ghas-sentenza Ingliza moghtija fl-ismijiet **Pinner vs Everett**[1] fejn l-Qrati Inglizi sahhew li din kient materja ta' fatt li kellha tigi determinata mill-Qrati minn kaz ghal kaz. Pero is-sentenza ewlenija li tittanta taghti defnizzjoni ghat-terminlogija "sewqan" tinsab fil-kaz ta' ta **Mac Donaugh**[2]. F'dan il-kaz l-appellant kien sewwieq li kien skwalifikat milli izomm u l-licenzja tas-sewqan tieghu. Fuq talba tal-pulizija dan gie mitlub icaqlaq il-vettura billi jpoggi id wahda fuq l-istering u izomm saqajh it-tnjen ma l-art. Il-Qorti ta l-Appell ippermetta lijsir appell kontra sentenza ta' htija, billi sostniet li it-tfsira ta' sewqan kien l-uzu tal-kontroli tas-sewwieq proprju biex jidderigi l-moviment ta' vettura. (Din is-sentenza inghatat minkejja li l-High Court of Justiiciary kienet waslet ghal konkluzjoni differenti a bazi ta l-istess fatti fis-sentenza **Annes vs Mac Leod.**[3] **Lord Widgery CJ** sostna:

*" There are an infinite number of ways in which a person may control the movement of a motor vehicle, apart from the orthodox of sitting in the driving seat and using the engine for propulsion. He may be coasting down a hill with the gears I nneutral and the engine switched off, he may be steering a vecihle which is being towed by another. As has already been pointed out, he may be sitting in the drivers seat while others push, or half sitting in the driving seat but keeping one foot on the road in order to induce the car to move. Finally, as in the present case, he*

[1] (1969) 1 WLR 1266. A practical approach to Road Traffic Law – Richard Mc Mahon 1994 edtion page 9 para 1.4.2
[2] (1974) QB 448 decisjoni mehuda mill-Qorti tal-Appell preseduta min nhames Imhalfin
[3] 1969 JC 1

*may be standing in the road and himself pushing the car with or without using the steerig wheel to direct it. Although the word 'drive' must be given a wide meaning, the courts must be alert to see that the net is not thrown so wiely that it includes activities which cannot be said to be driving a motor vehicle in any ordinary ise of that word in the English language."*

Dan ir-ragunament kien approvat fis-sentenza Ingliza fl-ismijiet **Mc Quaid vs Anderton**[4] fejn l-appellant kien bil-qiegda fis-seat tad-driver ta' vettura li kienet qed tigi irmonkata b'habel, u seta jidderigi u jzomm il-brakes ta' dik il-vettura kul meta kien necessarju u misthoqq. Din l-ativita giet klassifikata bhala "sewqan". Issa una volta jigi stabilit li dak li jkun kien qed isuq imbaghad l-att tas-sewqan jibqa' ghaddej sakemm jintemm u dak li jkun johrog mill-karozza.

Issa fil-kaz in desamina u prorpju fil-mument tal-impatt jidher li l-appellant kien wieqaf izda mhux wieqaf ghaliex kien wasal fid-destinazzjoni teighu izda wieqaf biex idur lejn il-lemin kif del resto stqarr hu stess. Ghalhekk kellu il-kontrol tal-isteering tal-vettura u l-kontrol tal-brakijiet ghal dak li kien hemm bzonn kosnegwentment l-argument tad-difiza li l-appellant ma kienx qed isuq mhux qed jigi milqugh minn din il-Qorti.

Jidher minn ezami tal-isketch esebit fl-atti mehud min PS 827 li l-appellant kien fil-vettura tieghu Isuzu f'nofs ta' triq stazzjonat fuq central strip mizbugh ma l-art b'linja bajda kontinwa hierga minn nofs ta din ic-central strip meta f'daqqa u l-hin intlaqghat mill-vittma Chilton fuq il-lemin tieghu. Jirrizulta ukoll minn dak li stqarr l-appellant stess li huwa kien jghamel din il-manuvra ta' sikwit sbaiex jidhol go trejqa fuq il-lemin tieghu sabeix imur fl-ghalqa li huwa ghandu f'dawk l-ekwati. Illi mhemmx dubju li dan l-att huwa att li jikkawza emergenza subitanea lil konducent li jkun warajh u dan ghaliex hadd ma jsitenna li ikun fi triq magguri bhala din u jsib vettura stazzjonata proprju f'nofs ta triq. F;' dan il-kaz jidher li l-vizjoni tas-sewwieq tal-mutur ma keintix wahda 'in plain view' ghaliex quddiemu kellu vettura ohra li ssorpassa il-vettura tal-appellant u ghamel hekk bili zgur mar fuq il-karreggjata zbaljata. Illi is-sewweiq tal-mutur minlfok ma saq bi prudenza u stenna biex izomm fuq il-kareggjata t-tajba ittenta

[4] 1981 WLR 154

jghamel l-istess u jissorpassa lill-apapellant bla ma kien jaf li quddiem il-vettua li issorpassa kien hemm vettura stazjonata. Zgur li huwa ghamel din il-manuvra ta' surpass meta ma hax 'il proper look out'.

Din ma hiex kwistjoni kif donnha spejgat l-ewwel Qorti ta' main road user u secondary road user ghaliex kemm l-vittma kif ukoll l-appellant kienu ghaddejjin fl-istess triq dl-istess direzzjoni minn Zejtun ghal Bir id Deheb, wara xulxin b'vettura bejniethom fuq triq principali.Din hija iktar kwistjoni ta 'proper look out li ghandu izomm driver fuq il-vetturi ta quddiemu u min naha l-ohra li dak ta quddiem ma jostakolax il-flow of traffic kapproccosament.

Harsa lejn lil-**High Way Code** taht l-intestatura '**Stopping and Parking'** insibu is-segwenti:-

94*. Do not park or let your vehicle stand-*

*(a) where there is a parking prohibition;*

*( e) in a main road or in a road carrying fast moving traffic, if such parking or standing adfects the smooth flow of traffic;*

*(h) at or near a a bus stop, a school or near a hospital entrance or where it will obscure a traffic sign*

Jidher li l-appellant ma tax kaz dawn il-principji kif misjuba fil-**High Way Code** li huwa gwida ghas-sewwieqa nostrana minkejja li mhux ligi.

B'referenza ghal dak li jissejjah '*Lane Discipline and Carriageway Markings*', Il-**High Way Code** jipprovdi is-segwenti:-

"51. *Where the carriage was is marked out by means of white lines , abide by such lines.*

*52, Never cross continuous white lines, whether double or single.*

*55. Keeo well within the trafficlanes. Do not drive over or astride the white lines*

*58. When the lanes are marked out by destination (kif inhi fil-kaz in desamina) or when approaching a junction , take yur position in time in te appropriate lane"*

Ghalhekk mis-suespost jidher bic-car li l-appellant ma kienx qed josserva ir-regolamenti tat traffiku.

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet

**<u>Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar</u>**[5] ddikjarat:-

*"Illi x'jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz huwa ukoll pacifiku f'l-ordinament gurikdiku taghna.*

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza taddisposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fissubartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan..*[6].

Illi f'dan il-kaz partikolari l-Qorti hija tal-fehma li l-appellant kien traskurat fis-sewqan tieghu u dan meta ma oservax ir regolamenti tat-traffiku billi ghogbu jinjora is-sinjali tat-traffiku u cioe' il-markings fit triq ewlenija, kien qed isuq b'manjera bla kont u dan ghaliex deliberatament u ta' sikwit kien jiehu riskju fis-sewqan li m'ghandux jiehu

[5] Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, 27.07.2011
[6] Pulizija vs Alfred Mifsud Appell Kriminali deciz 06.05.1997.

minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi kif del resto sehh f'dan il-kaz u mhux tali hekk izda kien indifferenti ghal tali riskji ghaliex stqarr lidin kient manuvra tieghu ta' sikwit. Fir-rigward ta' sewqan perikoluz jinghad li l-fatt li huwa ghogbu jipparkja l-vettura f'nofs ta' triq proprju fuq central strip biex jaqsam ghal triq sekondarja minn triq principali minghajr ma ha l-kawtela teighu jammonta ghal sewqan perikoluz ughalhekk din il-Qorti ser tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward pero' ghar-ragunijeit fuq imsemmija. M'hemmx dubbju li minhabba l-agir inaspettat u insolitu tieghu ikkaguna involontarjament incient tat-traffiku fejn John Chilton spicca ferut b'ferita gravi stante li ghandu disabilita permanenti u talli ikkaguna hsara involntarja fuq il-mutur Hnda KLV proprjeta ta l-istess John Chilton. Il-feriti li issubixxa John Chilton kienu tali li hallew disabiltia kif stqar u kkonfema il-kirurgu Thomas Azopardi u din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita il-kompetenza ta' dan il-kirurgu f'dan ir-rigward. Dwar id-danni subiti minn John Chilton hwua esebixxa ir-remittance advice li ircieva minghand is-socjeta' Elmo u dan in full and final settlement dwar il-claim li kellu minhabba li l-mutur tieghu gie deskritt bhala 'total loss' Ghalhekk kemm it-tieni u r raba akkzua jirrizultaw provati.

Dwar it-tielet akkuza din hi kontavenzjonali u ghalhekk taqa' preskritta bl-gheluq tat-tlett xhur skond l-artikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Jinghad f'dan il-kaz lil-incident sehh fit-30 ta Lulju 2013 u l-akkuzi hargu fil-21 ta Novembru 2013 kif firmati mill-Ispettur Carol Fabri u ghalekk wara it-tlett xhur u konsegwentement din l-akkuza hija rpeskritta u l Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**Piena**

Jidher li l-vittma kkontribwixa ghal dan l-incident u ghahekk ghandu jiehu parti mit-tort. Il-vittma kien qed jghamel manuvra ta' overtaking ta' vettura li kien hemm quddiemu meta ma rax dak li kien ghaddej quddiem din l-istess vettura tant li jghid li sakemm il-vettura ta' quddiemu qabzet il-vettura tal-appellant huwa ma kienx ghadu ra lill-appellant. Konsegwentement l-vittma kien ser jghamel manuvra minghajr ma

kellu *"a proper look out'* ta dak li kien '*in plain view*'. Pero' apparti dan issir referenza ghar regolamenti tal-**High Way Code** ghal dak li jikkoncerna is-sorpass.

*Overtaking*

*62. Never overtake unless you KNOW that you can do so without danger to yourself or others…*

*64 When overtaking, give appropriate signal, keep at a safe but not excessive distance from the vehicle being overtaken and return to the appropriate lane or side of the road as soon as practicable after overtaking. Do not cut in sharply in front of the vehicle you have just over taken*

*65 DO NOT OVERTAKE –*

- *i. Where the raod narrows*
- *ii. When to do so would force another vehicle to swerve or reduce speed*
- *iii. Where there is not enough space and where the visibility does not permit you to do so without danger*
- *iv. When there is a long stream or a convoy of vehicles ahead of you or a vehicle whixh is itself alredy overtaking or if overtaking is otherwise dangerous or difficult for the time being*

*IF IN DOUBTHOLD BACK*

Illi ghalhekk jirrizulta li l-vittma naqas bi kbir f'dan ir-rigward ughalhekk ghandu jinzamm ukoll responsabbli ghal dan l-incident billi kkontribwixx ghalih ukoll. Mill-provi oggettivi u ben dimostrati jidher li l-vitm aukoll naqas li joseva ir-regolamenti tat-traffiku u jpoggi lilu innifsu f'perikolu pero' kif intqal diversi drabi fis-sistema penali taghna, il-contributory negligence tat-terz ma tezonerax lill-akkuzat mir-responsabbilta' kriminali sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru "**<u>Il-Pulizija vs. P.Vassallo</u>**[7]."

Illi ghalhekk stante li din il-Qorti hija tal-fehma li l-vittma kkontribwixxa ghal dan l-incident irid ikun hemm temperament fil-piena. Din il-Qorti ghalhekk qeda tirrofrma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti billi minflok ma issib lill-appellant hati tat-tielet

[7] (App. Krim. Vol. XXXVIII,iv.p.883

akkuza qeda tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante li qed tiddikjaraha preskritta ai termini tal-artikolu688(f) tal-Kodici Kriminali u qeda tichad l-appell tal-appellant fir-rigward tal-akkuzi l-ohra billi qed tikkonferma is-sentenza moghtija mil-ewwel Qorti fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta′ htija. Dwar il-pena pero′ stante li din il-Qorti sabet li l-vittma kkontribwixxa ghal dan l-incident qieghda tirriduci l-multa inflitta mil-ewwel Qorti b′dan illi qed tikkundanna lill-appellant ihallas multa ta′ elfejn u hames mitt euro (€2,500).

Qieghda ukoll ai termini tal-artikolu 15 tal-kap 65 tal-Ligjiet ta′ Malta tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta′ tlett xhur mill illum.

Il-Qorti qeda tordna li kopja ta′ din is-entenza tintbaghat lid-Direttur tal-Qorti kriminali u dan sabiex ikun jesegwiha u jigbor il-multa imposta fuq l-appellant

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur